



---

**TESTI ADOTTATI**

*Edizzjoni proviżorja*

---

**P8\_TA(2017)0437**

**Protezzjoni kontra importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u ssussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-UE \*\*\*I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (COM(2016)0721 – C8-0456/2016 – 2016/0351(COD))

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0721),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0456/2016),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Mejju 2016 dwar l-istatus ta' ekonomija tas-suq taċ-Ċina<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-komitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-11 ta' Ottubru 2017, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Komitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Komitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A8-0236/2017),

---

<sup>1</sup> Testi adottati, P8\_TA(2016)0223.

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-risoluzzjoni;
3. Jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**P8\_TC1-COD(2016)0351**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Novembru 2017 bil-  
ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li  
jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li  
huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-  
Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati  
minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-  
att leġiżlattiv finali, Regolament (UE) 2017/2321.)*

## ANNEX GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

### Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tranżizzjoni

*Il-Kummissjoni tfakkar li l-iskop tal-metodoloġija l-ġdida huwa li tinżamm il-protezzjoni kontinwa tal-industrija tal-Unjoni kontra prattiki kummerċjali inġusti, b'mod partikolari dawk ikkawżati minn distorsjonijiet sinifikanti fis-suq. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ser tiżgura li l-industrija tal-Unjoni ma ġġarrab l-ebda piż addizzjonali meta din titlob protezzjoni taħt l-istrument antidumping, b'mod partikolari fil-kuntest ta' talbiet potenzjali għal reviżjonijiet ta' skadenza ppreżentati wara d-dħul fis-seħħ tal-metodoloġija l-ġdida.*

### Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 23 u l-interazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill

*Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull meta jkollha l-intenzjoni li tipproduċi jew taġġorna rapport skont l-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament Bażiku. Fejn il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jinformaw lill-Kummissjoni li jkunu jqisu li l-kundizzjonijiet għall-produzzjoni jew l-aġġornament ta' rapport skont l-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament Bażiku jkunu ssodisfati, il-Kummissjoni se tiegħu azzjoni xierqa u tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dan.*

### Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rapporti skont l-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament Bażiku

*Il-Kummissjoni, bla dewmien, ser tagħmel użu mill-possibbiltà prevista taħt l-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament Bażiku biex tipproduċi rapporti dwar distorsjonijiet sinifikanti, b'tali mod li l-partijiet interessati jkollhom dawk ir-rapporti għad-dispożizzjoni tagħhom meta jkunu qed iħejju s-sottomissjonijiet li għalihom japplikaw l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament Bażiku. Hija ser tipprovdi gwida lill-partijiet interessati dwar l-użu ta' dawk ir-rapporti.*